MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1679/2002

**Carmel sive Charles Bianco f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Edwin Conti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tlieta u erbghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm843.08), u fejn intqal illi fit-18 ta' Jannar, 1999 inhargu diversi kambjalijiet minn Edwin Conti favur Carmel sive Charles Bianco ta' C.Bianco Co. Limited ghall-ammont ta' sittin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm60.22) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenut naqas li jhallas erbatax-il kambjala ta' sittin lira u tnejn u ghoxrin centezmu**

**(Lm60.22) kull wiehed li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Awissu, 1999 u Jannar, 2002;**
**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' tmien mija u tlieta u erbghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm843.08) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita` tal-kambjalijiet sad-data tal-pagment effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji nkluzi l-mandat ta' qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenut debitament ingunt baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ra n-nota prezentata mill-attur fid-19 ta' Novembru, 2002, li biha rriduca t-talba tieghu bl-ammont ta' sittin lira Maltija (Lm60.00) stante pagament fil-mori tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' John Sultana, Credit Controller mal-attur. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici kif ridotta tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur fil-kwalita` tieghu premessa s-somma ta' seba' mija u tlieta u tmenin lira Maltija u tmien centezmi (Lm783.08), bl-imghax relattivi mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**